MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 31

It-Tlieta, 3 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-6.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

PREŻENTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Marilena Gauci kienet imsiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Beppe Galea kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett u l-Onor. Rebekah Borg kienu skużati.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 30 li saret fit-2 ta' Novembru 2026 kienu kkonfermati.

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 504 Rapport Annwali għas-sena 2025 maħruġ mill-Parlament Ewropew bl-isem *Ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti Nazzjonali tal-UE*;

P.L. 505 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Ilona mart Vincent Borg Carbott et vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 373/2023/1 LM) deċiża fis-26 ta' Marzu 2025 u dik tal-Appell datata 26 ta' Ottubru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 506 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 7 li saret lis-Sedja mill-Onor. Stanley Zammit dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol fis-Servizz Parlamentari; u

P.L. 507 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 8 li saret lis-Sedja mill-Onor. Graziella Galea dwar accessibility audit fil-Parlament ta' Malta.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fis-6.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3254 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 508 Formoli u dokumenti użati għall-applikazzjoni għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport għas-sena 2026/27, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4100;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 509 Avviż Legali Nru 307 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jħassru r-Regolamenti dwar Liċenzja biex tittieħed Veġetazzjoni tal-Baħar;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 510 Avviż Legali Nru 306 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Restrizzjoni tal-Protezzjoni tad-Data (Obbligi u Drittijiet);

P.L. 511 Tabelli li jagħtu l-għadd ta' kawżi ppreżentati fil-Qorti tal-Familja relatati ma' kura u kustodja, aċċess u manteniment kull sena bejn l-2015 u Ottubru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2042;

P.L. 512 Tabella li tagħti l-għadd ta' każi ta' medjazzjoni li nfetħu fil-Qorti tal-Familja kull sena bejn l-2015 u Ottubru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2043;

P.L. 513 Tabelli li jagħtu l-għadd ta' kawżi ta' medjazzjoni li ngħalqu fil-Qorti tal-Familja f'Malta u Għawdex kull sena bejn l-2015 u Ottubru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2044;

P.L. 514 Tabella li tagħti l-għadd ta' Protection Orders u Temporary Protection Orders maħruġa minn Jannar 2020 sa Awwissu 2026 maqsuma għal kull sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2047; u

f'isem il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 515 Lista ta' siti storiċi taħt il-kura jew il-ġestjoni ta' Heritage Malta li ntużaw għall-ġbid ta' films jew produzzjonijiet televiżivi fil-perjodu bejn Jannar 2021 u Ottubru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 4280.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. MOZZJONI BIEX IL-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA GĦALL-KONSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ĠENERALI TA' SPIŻA GĦAS-SENA 2027 - MOZZJONI 67 (KONT.) - IT-TIENI JUM IMĦOLLI KOLLU GĦALL-GVERN

Il-Kamra rriżumiet mit-2 ta' Novembru 2026 id-diskussjoni fuq il-Mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-Konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2027.

Skont il-ftehim milħuq, l-Ispeaker stieden lill-impjegati tal-Public Broadcasting Services (PBS) jidħlu fil-Kamra sabiex jittrasmettu s-seduta dirett fuq it-televiżjoni.

Skont l-istess ftehim, membri tal-media ngħataw permess sabiex jiġbdu ritratti u filmati għal ftit minuti.

L-impjegati tal-PBS daħlu fil-Kamra u bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

Id-diskors tal-Prim Ministru ġie mxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali.

Skont il-Mozzjoni 70 tal-20 ta' Ottubru 2026 id-diskors kien eżenti mil-limitu ta' ħin għad-diskorsi u l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol kellu jkun fit-8.30 p.m.

Fis-6.34 p.m. il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, beda d-diskors tiegħu u s-seduta bdiet tixxandar dirett mill-PBS.

Il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 516 Artiklu li deher fuq is-sit online *Times of Malta* fit-13 ta' Ottubru 2026 bl-isem *Fiscal responsibility must come before popularity*.

Fit-8.32 p.m. il-Prim Ministru temm id-diskors tiegħu u l-Ispeaker irringrazzja lill-crew tat-televiżjoni tal-PBS u talabhom jirtiraw.

Fit-8.33 p.m. meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni 67 imressqa mill-Ministru għall-Finanzi fis-26 ta' Ottubru 2026 biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2027, intalbet votazzjoni, li bi qbil fil-Kamra, ittieħdet dak il-ħin stess.

Il-Kamra vvotat hekk:

VOTAZZJONI NRU 13 **ĦIN: 8.35 p.m.**

FAVUR: 39

L-Onor.

Abela Fleur
Abela Jo Etienne
Abela Ray
Abela Robert
Agius Decelis Anthony
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Attard Ramona
Azzopardi Flores Clint
Azzopardi Tanti Keith
Bedingfield Glenn
Bonnici Owen
Borg Debono Grech Yana
Dalli Miriam
Debattista Deo
Ellul Andy
Falzon Michael
Farrugia Julia
Farrugia Omar
Galea Cressida
Grech John
Grima Clifton
Meli Mariah
Mercieca Franco
Muscat Alex
Refalo Anton

Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Caruana Clyde
Cutajar Rosianne
Schembri Deborah
Schembri Silvio
Vella Nigel
Zarb Francesca
Zarb Romilda
Zerafa Civelli Alison

KONTRA: 34

L-Onor.

Abela Chetcuti Janice
Agius Andrew
Attard Previ Graziella
Bartolo Ivan
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Julian
Borg Bonello Eve
Borg Manché Conrad
Calleja Testaferrata de Noto Miriana
Camilleri John Baptist
Camilleri Norma
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Castillo Ivan
Cilia Annabelle
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Paula
Perici Calascione Alex
Piccinino Michael
Sammut Mark Anthony
Schembri Justin
Spiteri Stephen
Tabone Frank Anthony
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit George Vital
Zammit Stanley

Il-mozzjoni għaddiet.

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 70 tal-20 ta' Ottubru 2026:

2. ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TA' PATRIMONJU MALTA GĦAS-SENA 2026 – MOZZJONI 64 – VOTAZZJONI

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni 64, sabiex jiġu approvati l-estimi ta' dħul u nfiq ta' Patrimonju Malta għas-sena finanzjarja 2026, imressqa mill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, u li fuqha kienet intalbet votazzjoni fis-Seduta 23 tal-14 ta' Ottubru 2026, reġgħet intalbet votazzjoni li, bi qbil tal-Kamra, ittieħdet dak il-ħin stess.

Il-Kamra vvotat hekk:

VOTAZZJONI NRU 14 **ĦIN: 8.37 p.m.**

FAVUR: 39

L-Onor.

Abela Fleur
Abela Jo Etienne
Abela Ray
Abela Robert
Agius Decelis Anthony
Dalli Miriam
Debattista Deo
Ellul Andy
Falzon Michael
Farrugia Julia

Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Attard Ramona
Azzopardi Flores Clint
Azzopardi Tanti Keith
Bedingfield Glenn
Bonnici Owen
Borg Debono Grech Yana
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Caruana Clyde
Cutajar Rosianne
Farrugia Omar
Galea Cressida
Grech John
Grima Clifton
Meli Mariah
Mercieca Franco
Muscat Alex
Refalo Anton
Schembri Deborah
Schembri Silvio
Vella Nigel
Zarb Francesca
Zarb Romilda
Zerafa Civelli Alison

KONTRA: 34

L-Onor.

Abela Chetcuti Janice
Agius Andrew
Attard Previ Graziella
Bartolo Ivan
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Julian
Borg Bonello Eve
Borg Manché Conrad
Calleja Testaferrata de Noto Miriana
Camilleri John Baptist
Camilleri Norma
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Castillo Ivan
Cilia Annabelle
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Paula
Perici Calascione Alex
Piccinino Michael
Sammut Mark Anthony
Schembri Justin
Spiteri Stephen
Tabone Frank Anthony
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit George Vital
Zammit Stanley

Il-mozzjoni għaddiet.

AĠĠORNAMENT

Fit-8.37 p.m. il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 4 ta' Novembru 2026, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

<u>L-Ewwel Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet</u>

Vot 13	-	Ministeru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet
Vot VI	-	Ministeru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet – Kapital

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni fuq dan il-Ministeru kellu jkun ta' mhux aktar minn tliet sigħat, id-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jagħlaq fis-7.30 p.m. u l-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

L-Onor. Owen Bonnici informa wkoll lill-Kamra li mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula sal-4.30 p.m. u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fit-8.38 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER